MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta’ Marzu, 2023

Appell Inferjuri Numru 18/2019 LM

**Christian Borg (K.I. nru. 315493(M))**
*(‘l-appellant’)*

***vs.***

**Awtorità għat-Trasport f’Malta**
*(‘l-appellata’)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Christian Borg (K.I. nru. 315493(M))** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellant’] mis-sentenza mogħtija fis-7 ta’ Lulju, 2022, [minn issa ’l quddiem ‘is-sentenza appellata’], mit-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’], li permezz tagħha

ddeċieda l-appell tiegħu fil-konfront tal-intimata **l-Awtorità għat-Trasport f'Malta** [minn issa 'l quddiem 'l-Awtorità appellata'] billi ċaħad l-istess, filwaqt li laqa' ir-risposta tal-Awtorità appellata, bl-ispejjeż kontrih.

## Fatti

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw il-liċenzja nru. 52/91 ta' *public service garage* maħruġa lill-appellant mill-Awtorità appellata sabiex l-appellant jiġġestixxi servizz ta' kiri ta' karozzi mill-fond bl-isem *'Princess Garage'* f'Triq Birkirkara, San Ġiljan. Permezz tal-ittra tagħha tas-17 ta' Jannar, 2019[1], l-imsemmija Awtorità appellata ssospendiet din il-liċenzja b'effett immedjat stante li kienu jissusistu raġunijiet serji għal dan, filwaqt li spjegat li l-awtoritajiet Maltin f'dawn l-aħħar snin kienu rċevew sensiela ta' ilmenti numerużi, ripetuti u tassew serji dwar l-operat tal-appellant.

## Mertu

3. L-appellant appella minn dik id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal fejn talab sabiex:

> *"(1) Jiddikjara li d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta sabiex jissospendi l-awtorizzazzjoni tal-*public service garage licence *tar-rikorrent bin-numru 52/91 fuq indikata anke jekk mhux b'effett immedjat għandha tiġi revokata;*
>
> *(2) Jordna lil-Awtorità appellata sabiex tħassar l-ordni mogħtija lir-rikorrent sabiex ma jikrix vetturi reġistrati taħt l-imsemmija liċenzja tal-*public service garage*;*

[1] Ara Dok. A anness mar-rikors tal-appellant fl-atti tat-Tribunal *a fol.* 6.

*(3) Tordna lill-Awtorità appellata sabiex iġġedded kull liċenzja u/jew awtorizzazzjoni li r-rikorrent għandu mingħand l-Awtorita appellata;*

*(4) Tordna lill-Awtorità appellata sabiex iġġedded kull liċenzja ta' vettura li għandu r-rikorrent.*

*Bl-ispejjeż kontra l-Awtorità appellata."*

4. L-Awtorità appellata laqgħet billi filwaqt li ddikjarat li l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellant, sostniet li d-deċiżjoni tagħha kienet timmerita konferma.

**Is-Sentenza Appellata**

5. It-Tribunal wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"**Ikkunsidra**:*

*Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorità intimata komunikata lilu permezz ta' ittra datata 17 ta' Jannar 2019 li permezz tagħha ġie mgħarraf illi l-Awtorità intimata kienet issospendiet il-liċenzja ta'* public service garage *li kellu b'mod immedjat u dan abbażi tar-Regolament 7(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.58 li jipprovdi s-segwenti, u ċioé:*

"(2) L-Awtorità tista' f'kull ħin u fuq bażi raġonevoli tissospendi, tirtira jew tħassar awtorizzazzjoni billi tagħti lil operatur avviż bil-miktub li fih tagħti r-raġunijiet għal dik is-sospensjoni, irtirar jew tħassir:

Iżda kemm-il darba ma jkunx hemm mġiba ħażina jew negliġenza jew raġunijiet aktar serji għal sospensjoni, teħid lura jew tħassir immedjat, id-data operattiva ta' dak l-avviż m'għandhiex tkun inqas minn tmienja u għoxrin ġurnata mid-data tal-avviż."

*Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi r-rikorrent kellu liċenzja biex jopera* public service garage *bi flotta ta' madwar elf, mija u ħamsa uerbgħin (1,145) vettura. (fn. 1 Ara Dokument BF1 a fol. 579) Permezz tad-deċiżjoni appellata huwa ġie nfurmat biex iwaqqaf l-operat tiegħu ta' kiri ta' vetturi u dan peress li l-Awtorità intimata u awtoritajiet oħra, fuq medda ta' żmien, kienu rċevew ammont konsiderevoli ta' lmenti minn klijenti li użaw is-servizzi ta' kiri ta' vetturi li kien joffri r-rikorrent. Huwa ġie*

*nfurmat ukoll li kull liċenzja jew awtorizzazzjoni li kellu ma kinitx se tiġi mġedda u li anqas ma kienu se jiġġeddu l-liċenzji tal-vetturi li kien jikri.*

*Illi l-ewwel aggravju tar-rikorrent huwa li d-deċiżjoni appellata ttieħdet bi ksur tal-artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu hija ta' natura punittiva u allura jiskatta d-dritt kontemplat fiċ-ċitat artikolu u ċioé li kellu jiġi mogħti smigħ xieraq fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Illi t-Tribunal jirrileva illi m'għandux kompetenza li jiddeċiedi dwar lanjanzi kostituzzjonali għaliex tali lanjanzi huma riservati għal fora oħra. Illi dan ir-rikorrent jafu ben tajjeb għaliex fir-rikors promutur innifsu jitlob li ssir id-debita referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha. Illi t-Tribunal ma jaqbel xejn ma' din it-talba għaliex it-Tribunal jista' jagħmel hekk biss wara li jkun iddeċieda eċċezzjoni dwar il-kompetenza tiegħu u mhux meta parti tintavola rikors b'lanjanzi kostituzzjonali quddiemu ben konsapevoli tan-nuqqas ta' kompetenza tal-istess Tribunal li jiddetermina tali lanjanzi. Illi fil-fehma tat-Tribunal ma kien hemm l-ebda xkiel għar-rikorrent li jipproċedi bil-lanjanzi tiegħu quddiem il-forum kompetenti. Kwindi din it-talba qiegħda tiġi miċħuda.*

*Illi r-rikorrent jisħaq ukoll illi d-deċiżjoni tas-sospensjoni tal-liċenzja hija waħda infondata fil-fatt u fid-dritt u li sab id-deċiżjoni ma' wiċċu mingħajr ma l-Awtorità intimata avviċinatu qabel bil-problemi li kienet qed tirriskontra. Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) kienet irċeviet għadd konsiderevoli ta' lmenti mingħand persuni, fil-maġġor parti tagħhom barranin, li xtraw is-servizz ta'* car hire *mingħand ir-rikorrenti u ġibdet l-attenzjoni tar-rikorrent għall-istess ilmenti. Jirriżulta wkoll li kienu saru xi laqgħat biex jiġu ndirizzati l-istess ilmenti u kien hemm ammont minnhom li r-rikorrent indirizza u l-ilment ingħalaq. Però kien hemm oħrajn li baqgħu pendenti. Jirriżulta però illi f'Settembru 2018 l-MCCAA inizjat proċeduri amministrattivi ta' investigazzjoni fil-konfront tar-rikorrent. (fn. 2 Dokument B a fol. 8) L-istess rikorrent irribatta dak li kien qiegħed jiġi allegat permezz ta' korrispondenza datata 2 ta' Ottubru 2018, wara liema ma reġa' sema' xejn iktar mill-istess Awtorità jew mingħand xi awtorità oħra sakemm irċieva d-deċiżjoni appellata.*

*Illi fil-fehma tar-rikorrent ma kienet teżisti ebda bażi raġonevoli għas-sospensjoni tal-liċenzja de quo ħlief għal allegazzjonijiet vagi, u wisq inqas ġiet ippruvata xi mġiba ħażina jew negliġenza da parti tiegħu li minħabba fihom kienet timmerita sospensjoni immedjata tal-liċenzja in kwistjoni.*

***Ikkunsidra:***

*Illi mid-dokumenti annessi man-*Notice of Investigation *li l-MCCAA bagħtet lir-rikorrenti jirriżulta illi l-istess Awtorità kienet irriskontrat numru ta' nuqqasijiet serji*

*fl-operat tar-rikorrent. Illi da parti tiegħu ir-rikorrent tramite l-konsulent legali tiegħu indirizza l-punti mqajjma fl-ittra mibgħuta lilu.*

***Ir-rikorrent** xehed illi l-Awtorità intimata qatt ma kienet ikkomunikat miegħu dwar xi lmenti li kienu waslulha dwar il-kiri ta' vetturi u li però kellu kuntatt mal-MCCAA. Jispjega fejn kien hemm ilmenti ta'* overcharging *huma dejjem irrisolvew il-kwistjoni u taw il-flus lura. In kontro-eżami r-rikorrent stqarr illi fl-2016 huwa kien irċieva ittra oħra ta' sospensjoni mingħand l-Awtorità intimata però qatt ma kienu saru laqgħat. Mistoqsi jekk kienx jaf dwar laqgħat li nżammu fl-Awtorità intimata mal-konsulent legali li kellu dak iż-żmien, ir-rikorrent wieġeb li ma kienx jaf b'dawn il-laqgħat. Mistoqsi jekk impjegati tiegħu kinux qalulu li attendew laqgħat ma' uffiċjali tal-Awtorità intimata, r-rikorrent qal li ma kienx jaf b'dawn il-laqgħat.*

***Joyce Borg**, Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur, spjegat li lir-rikorrent kienu ġibdulu l-attenzjoni dwar diversi nuqqasijiet li kienu rriskontraw. Spjegat li peress li l-ilmenti kienu fil-maġġor parti minnhom minn barranin, kien qed jingħata isem ħażin lil Malta. Mistoqsija mid-difensur tar-rikorrent kemm-il ilment ġie solvut bonarjament hija stqarret li kienu ftit. Tispjega li wara li saret laqgħa f'Lulju 2018, l-MCCAA kienet qed tistenna risposta mingħand il-konsulent legali tar-rikorrent, liema risposta però baqgħat ma waslitx u għalhekk f'Settembru 2018 bagħtu l-avviz ta' investigazzjoni. Mistoqsija għaliex wara li ħareġ l-avviż ta' investigazzjoni ma kinux ħadu deċiżjoni, ix-xhud wieġbet li kienu kawti għaliex fin-nofs kien hemm potenzjal ta' multi kbar ħafna. Tispjega li sa dakinhar li kienet qed tixhed kien għad m'hemmx deċiżjoni finali. Tispjega li l-uffiċċju tagħha ma kellu x'jaqsam xejn mad-deċiżjoni appellata u ma kien hemm ebda diskussjonijiet mal-Awtorità intimata fuq il-mertu ta' din id-deċiżjoni. Ix-xhud xehdet li huwa rrilevanti r-*ratio *bejn l-ilmenti u n-numru ta' kirjiet li għamel ir-rikorrent. Ix-xhud esebiet ukoll riassunt ta' kwantità ta' lmenti li daħlu fl-Uffiċċju tagħha dwar is-servizz mogħti mir-rikorrent. (fn. 3 Dokument JB1 a fol. 716 et sequitur)*

*Illi r-rikorrent esebixxa dikjarazzjoni tan-numru ta' kuntratti ta' kiri li saru minnu f'perijodu ta' tnax-il xahar minn Settembru 2018 sa Awwissu 2019 b'total ta' 39,066 kirja. Esebixxa wkoll dokumentazzjoni dwar apparat imsejjaħ Record 360 li permezz tiegħu jiġi stabbilit b'mod elettroniku l-istat tal-vettura fil-bidu tal-kirja u l-istat tagħha fit-terminazzjoni tal-kirja, liema apparat beda jintuża fl-1 ta' Novembru 2018.*

***Chantelle Bugeja**, impjegata ta' Princess Operations, stqarret illi l-istess soċjetà kellha* franchise *tas-soċjetà Goldcar li però ntemmet f'Diċembru 2019. Hija xehdet ukoll dwar xi lmenti ta' xi klijenti u kif dawn ġew* handled *mill-kumpannija biex instabet soluzzjoni.*

***Pierre Montebello****, Chief Officer tad-Direttorat tat-Trasport fuq l-Art, spjega li l-Awtorità intimata irċeviet ilmenti fuq medda ta' snin u ċioé mill-2016. Jispjega li għalkemm l-ammont ta' kirjiet kien kbir, l-ammont ta' lmenti kien kbir ukoll.*

***Ikkunsidra****:*

*Illi l-ewwel ilment li se jiġi ndirizzat huwa dak sollevat mir-rikorrent fir-rigward tal-ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, u iktar preċiżament il-prinċipju tal-*audi alteram partem*. Ir-rikorrent issottometta illi huwa ma ngħatax ċans iressaq 'il quddiem is-sottomissjonijiet tiegħu biex jirribatti dak li kienet qiegħda tallega l-Awtorità intimata.*

*Illi t-Tribunal jirrileva illi huwa konxju li ħafna mid-deċiżjonijiet li tieħu l-Awtorità intimata jiġu preċeduti b'avviż li l-Awtorità tkun se tieħu tali deċiżjoni. F'ħafna każijiet dan huwa rikjest mill-istess liġi. Illi però, f'każ ta' sospensjoni ta' liċenzja ta' operatur ta'* public service garage *il-liġi tagħti l-poter lill-Awtorità intimata tissospendi minnufih il-liċenzja tal-operat jekk jirriżultalha li hemm raġunijiet serji u gravi li jirrikjedu li hija tissospendi l-liċenzja minnufih.*

*Illi t-Tribunal josserva illi l-ilmenti kienu ilhom jinġemgħu minn snin qabel l-Awtorità intimata ddeċidiet li tissospendi minnufih il-liċenzja tar-rikorrenti. Fil-fatt ir-rikorrent innifsu jgħid li fl-2016 kien irċieva deċiżjoni ta' sospensjoni oħra li però ma jirriżultax li daħlet in effett, u dan għaliex jirriżulta li komplew deħlin l-ilmenti u kwindi t-Tribunal għandu għaliex jifhem li r-rikorrent baqa' jopera. Jirriżulta wkoll, għalkemm jista' jkun li ma kienx preżenti r-rikorrenti, li l-Awtorità intimata żammet laqgħat ma' rappreżentanti tar-rikorrenti fejn ġew diskussi n-nuqqasijiet li l-Awtorità kienet ġiet a konoxxenza tagħhom. Illi r-rikorrent kien ben konsapevoli li kien qed ikun hemm diversi problemi fl-operat tiegħu, kemm għaliex l-MCCAA kienet qed tiġbidlu l-attenzjoni, u kif ukoll anke għaliex għal laqgħat ma' uffiċjali tal-Awtorità intimata kienu jattendu rappreżentanti tiegħu u l-konsulent legali tiegħu. Illi filwaqt li r-rikorrent xehed illi huwa ma kienx jaf b'dawn il-laqgħat dan it-Tribunal ma huwiex konvint li kien qiegħed jgħid il-verità. Illi għalhekk filwaqt li jista' jkun li r-rikorrent ma kienx preżenti għal dawn il-laqgħat ċertament kien jaf bid-diversi lmenti li kienu qed jaslu għand l-Awtoritajiet fuq medda ta' żmien u hu baqa' ma ħa l-ebda azzjoni serja sabiex jiġu ndirizzati, almenu sa Novembru 2018 meta beda juża apparat magħruf bħala Record 360, fejn wara li beda jintuża l-istess apparat l-ilmenti naqsu xi ftit.*

*Illi r-rikorrent jilmenta wkoll mill-fatt illi d-deċiżjoni appellata ma kinitx suffiċjentement motivata u dana għaliex l-Awtorità intimata naqset li tindika x'kienu l-ilmenti li abbażi tagħhom l-operat tar-rikorrent ġie sospiż. Illi dan it-Tribunal josserva illi r-rikorrent kien ben konsapevoli tad-diversi lmenti, fost oħrajn għaliex l-MCCAA*

*kienet ġibditlu l-attenzjoni għal iktar minn darba, tant li f'Settembru 2018 ħarġet Ordni ta' Investigazzjoni fil-konfront tiegħu. Illi għalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi għalkemm l-Awtorità intimata ma niżżlitx kull ilment li kien daħal lill-awtoritajiet Maltin minn persuni barranin li użaw is-servizz tar-rikorrent, id-deċiżjoni notifikata lilu kienet ben motivata. Din ma kinitx xi deċiżjoni sorpiża fejn ir-rikorrent ġie f'kuntatt għall-ewwel darba mad-diversi lmenti mressqa minn persuni li wżaw is-servizzi tar-rikorrent. Fil-fehma tat-Tribunal ir-rikorrent kien ben konsapevoli illi s-sitwazzjoni ma kinitx daqshekk feliċi u kompla jippersiti fl-aġir tiegħu mingħajr ma jagħti rimedji sodisfaċenti għall-ilmenti ġustifikati li kien qed ikun hemm. Biżżejjed wieħed jara l-faxxiklu esebit mill-Awtorità intimata mar-risposta tagħha li jinkludi ammont ta' korrispondenza bejn l-Awtorità u ċertu Lorry Caruana, liema persuna kienet qed tikkomunika mal-Awtorità intimata għan-nom tad-ditta Goldcar kif rappreżentanta f'Malta mir-rikorrent.*

*Illi għaldaqstant dan it-Tribunal isib li dan l-aggravju mħux ġustifikat.*

*Illi permezz ta' aggravju ieħor ir-rikorrent isostni li d-deċiżjoni appellata ma kinitx waħda raġonevoli. Ir-rikorrent jisħaq illi l-Awtorità intimata injorat illi r-rikorrent kien jikri ammont kbir ta' vetturi kull xahar u kwindi l-ilmenti wkoll se jirriżultaw fi kwantità. Illi bir-rispett kollu, dan it-Tribunal ma jarax loġika f'dan l-argument. Billi wieħed jippresta kwantità kbira ta' servizzi ma jfissirx illi ta bilfors irid ikun hemm kwantità kbira ta' ilmenti. Ir-raġunament imressaq mir-rikorrenti ma jsegwix. Jekk wieħed jagħżel li jopera fis-suq bi kwantità kbira ta' vetturi huwa forsi mistenni li jkun hemm xi lmenti. Il-problema però, fil-każ odjern, tirriżulta li l-ilmenti kienu ta' natura ripetittiva u baqgħu jippersistu għal diversi snin. Dan ifisser li r-rikorrent ma kellux interess li jirrimedja n-nuqqasijiet tiegħu biex l-ilmenti jonqsu. Komparat man-numru kbir ta' lmenti li kien hemm, huma biss ftit l-istess ilmenti li ġew indirizzati serjament mir-rikorrent.*

*Illi r-rikorrent jgħid ukoll illi d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata kienet xprunata minn indħil tal-MCCAA. Illi dan it-Tribunal ma jara xejn ħażin fil-fatt li l-MCCAA ġabet l-ilmenti riċevuti minnha a konjizzjoni tal-entità li tilliċenzja l-operat tar-rikorrent. Filwaqt li t-Tribunal jifhem li kull awtorità għandha l-obbligi u d-doveri tagħha, ma jara xejn irregolari għall-fatt li l-MCCAA, li għandha d-dover li tipproteġi d-drittijiet tal-konsumaturi, ġibdet l-attenzjoni tal-Awtorità intimata għal kwalunkwe azzjoni li setgħet tittieħed da parti tal-istess Awtorità.*
*Illi għalhekk anke dan l-aggravju mhux ġustifikat.*

*Għaldaqstant it-Tribunal iqis li ma kien hemm xejn irraġonevoli jew irregolari fil-mod kif aġixxiet l-Awtorità intimata. Ma jirriżultax li ħadet id-deċiżjoni b'mod mgħaġġel, u dan għaliex fil-fehma tat-Tribunal għamlet perijodu twil tagħti ċans lir-rikorrent*

> *jirrimedja s-sitwazzjonijiet li kienu qed jinħolqu u li kienu qed jitfgħu dell ikrah fuq ir-reputazzjoni ta' pajjiżna. Jirriżulta li ma ttieħdet ebda azzjoni fil-konfront tar-rikorrent qabel Novembru 2018, u dan sar mhux mill-Awtorità intimata iżda minn awtorità oħra. Jirriżulta li sa Novembru 2018, u ċioé meta r-rikorrent daħħal in operazzjoni r-Record 360, l-ilmenti kienu bil-gżuż. Dan it-Tribunal ma jistax ma jirrilevax illi l-Awtorità intimata rinfaċċjata b'dawk l-ilmenti kollha ħalliet din is-sitwazzjoni tippreċipita qabel ħadet azzjoni konkreta. It-Tribunal huwa tal-fehma illi fejn jidħlu dawn it-tip ta' deċiżjonijiet huwa tajjeb li wieħed jagħti opportunità lil dak li jkun jirrimedja, però malli jirriżulta li s-sitwazzjoni mhux sejra għall-aħjar, allura għandu jkun hemm azzjoni iktar tempestiva u dan sabiex, kif ingħad hawn fuq, tiġi evitata ħsara irrimedjabli lir-reputazzjoni ta' pajjiżna anke b'artikli f'ġurnali influwenti barranin bħal ma hu evidenzjat mill-artikolu fil-*London Sunday Times Business Section *esebit a fol. 123 tal-proċess intitolat* "Vehicle hire "cowboys" Goldcar blew holes in our holiday budgets" *liema artikolu jittratta s-servizz ħażin mogħti mid-ditta Goldcar f'numru ta' pajjiżi, inkluż Malta."*

## **<u>L-Appell</u>**

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-27 ta' Lulju, 2022, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex jogħġobha tirrevoka is-sentenza billi tilqa' it-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż kontra l-Awtorità appellata. Jgħid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (a) it-Tribunal naqas li jikkunsidra l-fatt li d-deċiżjoni sabiex tiġi sospiża l-liċenzja tiegħu ttieħdet mill-Awtorità appellata minħabba l-ilmenti li kienu saru lil entitajiet oħra; (b) għalkemm huwa kien irtira t-talba tiegħu sabiex it-Tribunal jagħmel riferenza lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali Tagħha, huwa baqa' jżomm ferm l-ilment tiegħu dwar ksur tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali ta' *audi alteram partem,* u għalhekk it-Tribunal kien tenut jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità appellata; (ċ) it-Tribunal ċaħad l-aggravju tiegħu dwar nuqqas ta' motivazzjoni u nuqqas ta' raġonevolezza tad-

deċiżjoni tas-sospensjoni; (d) it-Tribunal ma kkunsidrax li n-numru tal-ilmenti kellu jkun rifless bħala perċentwali tan-numru ta' vetturi reġistrati.

7. L-Awtorità appellata laqgħet permezz tat-tweġiba tagħha tat-8 ta' Awwissu, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell bl-ispejjeż, filwaqt li issottomettiet li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma.

8. Il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi tal-appellant, u dan fid-dawl ta' dak li ddeċieda t-Tribunal, u meħudin in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-Awtorità appellata.

*L-ewwel aggravju:* *[it-Tribunal ma kkunsidrax li l-Awtorità appellata ddeċidiet li tissospendi l-liċenzja tiegħu minħabba l-ilmenti li saru ma' entitajiet oħra]*

9. L-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-Awtorità appellata ħadet id-deċiżjoni tagħha mhux skont ilmenti li kienet irċeviet hija stess, iżda billi kkunsidrat dawk l-ilmenti li saru ma' entitajiet oħrajn. In sostenn ta' dan huwa jaċċenna fuq ix-xhieda ta' Pierre Montebello, l-uffiċjal kap eżekuttiv tal-Awtorità appellata, li kien iffirma l-ittra ta' sospensjoni tal-liċenzja tiegħu, u jiċċita silta pjuttost twila minn dik ix-xhieda. Jissottometti li minn din ix-xhieda jirriżulta li meta ħadet id-deċiżjoni tagħha, l-Awtorità appellata straħet fuq id-diversi lmenti li kienu saru ma' entitajiet oħra, l-iktar fuq dawk li kienet irċeviet il-MCCAA li kienet għamlet ċertu pressjoni fuqha. Jikkontendi li kif huwa kien diġà rrileva fin-nota ta' sottomissjonijiet finali li huwa kien ippreżenta quddiem it-Tribunal, huwa prinċipju fundamentali tad-dritt amministrattiv li meta

Awtorità pubblika tapplika s-setgħa diskrezzjonali tagħha, dan għandha tagħmlu fil-parametri tal-liġi u mingħajr l-indħil ta' terzi, filwaqt li tikkunsidra dak kollu li huwa rilevanti. Sabiex isostni l-argument tiegħu, l-appellant jagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Lawrence Borg noe *vs.* Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta**, deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-1 ta' Marzu, 2004.

10. L-Awtorità appellata twieġeb li dan l-aggravju mhux biss huwa fattwalment skorrett, iżda barra minn hekk m'għandu l-ebda bażi legali. Tikkontendi li fi kwalunkwe każ, l-aggravju ma jistax iwassal għar-revoka tas-sentenza appellata jew għal deċiżjoni li d-deċiżjoni tagħha kienet waħda ħażina u mhux skont il-liġi. L-Awtorità appellata tispjega kif hija kienet ippreżentat lit-Tribunal l-ilmenti kollha li hija kienet irċeviet, kemm direttament mingħand il-klijenti tal-appellant, kif ukoll permezz ta' entitajiet pubbliċi oħra, jiġifieri l-MCCAA u l-MTA, li anki huma kienu rċevew ilmenti u għaddewhom lilha għaliex kienet hi l-Awtorità regolatorja vestita bil-poter u anki bid-dmir li timxi fil-konfront tal-appellant kif fil-fatt għamlet. Tgħid li l-appellant qiegħed isostni li b'hekk dan wassal għal indħil fid-diskrezzjoni tagħha, u ssostni li bilkemm wieħed jista' jifhem dan l-argument, li tikkontendi li huwa bla bażi u infondat, kif ukoll frivolu u vessatorju.

11. Il-Qorti ma taqbilx mal-appellant. It-Tribunal fis-sentenza appellata kkunsidra li l-appellant kien qed jikkontendi li *"...d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata kienet xprunata minn indħil tal-MCCAA"* , iżda ma qiesx li kien hemm xi ħaġa ħażina bil-fatt li l-imsemmija MCCAA, li għandha l-obbligu li toffri protezzjoni lid-drittijiet tal-konsumaturi, ġabet l-ilmenti li hija kienet irċeviet a konjizzjoni ta' dik l-Awtorità li kienet toħroġ il-liċenzja fir-rigward tal-operat tal-

appellant. It-Tribunal kompla jgħid li ma seta' jikkonstata xejn irregolari fil-fatt li l-MCCAA kienet ġibdet l-attenzjoni tal-Awtorità appellanta għal kull azzjoni li din setgħet tieħu min-naħa tagħha. Il-Qorti tikkondividi pjenament din il-fehma tat-Tribunal, u tirrileva li t-Tribunal għadda wkoll sabiex ikkunsidra li ma kienx irriżultalu li l-Awtorità appellata ħadet deċiżjoni mgħaġġla, anzi għall-kuntrarju kkonstata li *"...l-Awtorità intimata rinfaċċjata b'dawk l-ilmenti kollha ħalliet din is-sitwazzjoni tipprecipita qabel ħadet azzjoni konkreta".* It-Tribunal għalaq billi aċċenna għal ilment partikolari li kien deher fil-London Sunday Times Business Section intestat *"Vehicle hire "cowboys" Goldcar blew holes in our holiday budgets",* filwaqt li stqarr li permezz ta' azzjoni iktar tempestiva tiġi evitata ħsara lir-reputazzjoni ta' pajjiżna li ma tistax tissewwa. Il-Qorti għalhekk ma tistax tikkunsidra li l-appellant għandu raġun meta jikkontendi li t-Tribunal ma kkunsidrax il-fatt li l-Awtorità appellata ħadet id-deċiżjoni tagħha minħabba lmenti li saru ma' awtoritajiet oħra. Tirrileva li t-Tribunal ikkunsidra wkoll artikolu li deher f'ġurnal prominenti Ingliż li nġab a konjizzjoni tal-Awtorità appellata minn ċertu George Mallia, b'indirizz tal-*email* li jindika li dan jaħdem ġewwa l-ajruport ta' Malta, artiklu li l-Qorti tgħid li l-kontenut tiegħu waħdu kien jimmerita azzjoni deċiżiva u f'waqtha min-naħa tal-Awtorità appellanta. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx dan l-ewwel aggravju tal-appellant mistħoqq, u tiċħdu.

| | |
|---|---|
| *It-tieni aggravju:* | *[it-Tribunal kien tenut li jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità appellata stante li l-appellant baqa' iżomm ferm l-ilment ta' ksur tal-prinċipju* audi alteram partem] |

12. Dwar dan l-aggravju, l-appellant jispjega li huwa kien irtira t-talba tiegħu sabiex it-Tribunal jagħmel referenza kostituzzjonali lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, (Sede Kostituzzjonali), iżda baqa' jinsisti fuq l-ilment tiegħu dwar ksur tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali *audi alteram partem,* li kellu jwassal lit-Tribunal sabiex jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità appellata. Filwaqt li jagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Frar, 2015 fl-ismijiet **Edwin Zarb et *vs.* Gilbert Spiteri et**, jgħid li t-Tribunal ma kienx korrett meta kkunsidra li kienu saru diversi laqgħat bejnu u l-Awtorità appellata, għaliex fil-fatt dawn il-laqgħat kienu mal-MCCAA, u ma kienx jirriżulta minn imkien mod ieħor. Jirrileva li dak li qed jinsisti fuqu jirriżulta min-*Notice of Investigation* tat-18 ta' Settembru, 2018, li huwa kien irċieva mingħand l-MCCAA, u anki mill-ittra responsiva tiegħu tat-2 ta' Ottubru, 2018 lill-MCCAA. Jikkontendi li sabiex il-prinċipju *audi alteram partem* ikun ġie applikat mill-Awtorità appellata, meħud in konsiderazzjoni l-konsegwenzi serji li s-sospensjoni tal-liċenzja kienet twassal għalihom, hija kienet tenuta li tavżah bl-ilmenti li kienu qegħdin jiġu ppreżentati lilha mill-MCCAA u minn entitajiet oħra, u anki tisma' dak li kellu xi jgħid fir-rigward qabel ma tiddeċiedi l-każ. L-appellant isostni li n-nuqqas tal-Awtorità appellata kien ifisser li d-deċiżjoni hija nulla riżultat tal-ksur tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali fuq imsemmi. B'hekk kien hemm raġuni sufficjenti li kellha twassal lit-Tribunal biex jirrevoka dik id-deċiżjoni. Hawnhekk l-appellant jagħmel riferiment kemm għal deċiżjoni tal-House of Lords ġewwa l-Ingilterra[2] tas-sena 1943 in sostenn tal-argument tiegħu, u anki għal sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet **Jonathan Grech vs. Awtorità għat-Trasport f'Malta**, tas-16 ta' Ottubru, 2018, u għas-subartikolu 46(6) tal-

[2] General Medical Council v. Spackman.

Kap. 499. Jissottometti li huwa ma kienx qed jaqbel ma' dak li qal it-Tribunal li fil-każ ta' sospensjoni ta' liċenzja ta' operatur ta' *public service garage* ma kienx hemm il-proċedura fejn qabel ma tittieħed deċiżjoni jingħata avviż, u l-Awtorità appellata għandha l-poter li tissospendi minnufih l-imsemmija liċenzja fil-każ li jirriżultawlha raġunijiet serji u gravi. Jgħid li din l-interpretazzjoni kif imsejsa fuq is-subregolament 7(2) tal-A.L. 88 tal-2010 jew L.S. 499.58, ma kinitx waħda tajba. L-appellant isostni li dawn ir-regolamenti jibqgħu dejjem soġġetti għas-salvagwardji tal-liġi prinċipali, jiġifieri tal-Kap. 499, u ma jistgħux jiġi kkunsidrati bħala deroga minn dak li jipprovdi għalih l-artikolu 46. Iżda jgħid ukoll li regolament ma jistax jissanzjona l-ksur tal-prinċipju tad-dritt ta' smigħ xieraq.

13. L-Awtorità appellata twieġeb mill-ewwel li dak li qed jallega l-appellant m'għandux mis-sewwa għaliex hija kienet wissietu diversi drabi qabel ma waslet għad-deċiżjoni tagħha, imma madankollu huwa kien għażel li minflok jattendi personalment, jibgħat lill-*manager* tiegħu u/jew l-avukat li kien jippatroċinah dak iż-żmien. Tgħid li anki legalment dan l-aggravju ma jistax jirnexxi, għaliex it-Tribunal mhux kompetenti sabiex jeżamina kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali, kif ikkonfermat diversi drabi minnn din il-Qorti. L-Awtorità appellata tkompli b'riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, iċċitata mill-appellant, u tgħid li din m'għandha l-ebda rilevanza hawnhekk, għaliex fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda proċess jew proċedura stabbilita mil-liġi. Hija tagħmel riferiment għal dak li jiddisponi għalih is-subregolament 7(2) tal-L.S. 499.58, li jagħtiha s-setgħa li tissospendi immedjatament il-liċenzja fejn ikun hemm raġunijiet serji. Tgħid li ftit wieħed jista' jifhem l-argument tal-appellant, li dan huwa suġġett għar-regoli ġenerali fejn hemm il-ħtieġa ta' avviż u żmien għal tweġiba. Filwaqt li tinvoka l-prinċipji

legali *lex specialis non derogat lex generalis* u *ubi lex voluit lex dixit,* issostni li hawn mhumiex imsemmija l-proċeduri li għalihom jirreferi l-appellant proprju għaliex il-leġislatur ried li f'ċirkostanzi fejn jeżistu raġunijiet serji bħal fil-każ odjern, l-Awtorità appellata għandu jkollha s-setgħa li tissospendi immedjatament il-liċenzja.

14. Il-Qorti ma taqbilx mal-appellant. Tgħid li t-Tribunal mill-ewwel għaraf li l-liġi tagħti lok għal sospensjoni immedjata tal-liċenzja ta' *public service garage* min-naħa tal-Awtorità appellata, fejn jirriżultaw raġunijiet serji u gravi. Il-Qorti tosserva li l-appellant qiegħed isostni li hawn għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tas-subartikolu 46(6) tal-Kap. 499 u mhux dawk tas-subregolament 7(2) tal-L.S. 499.58, stante li din tal-aħħar hija soġġetta għas-salvagwardji tal-liġi ġenerali. L-Awtorità appellata ma taqbilx, u l-istess din il-Qorti, li ma qegħda ssib l-ebda raġuni għaliex il-prinċipju *lex specialis non derogat lex generalis* m'għandux isib l-applikazzjoni tiegħu hawnhekk. Tgħid li kif tixhed l-intestatura tar-regolamenti kontestati, jiġifieri '*Regolamenti dwar Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi',* dawn huma regolamenti magħmulin sabiex jiġu regolati s-servizzi partikolari. Għalhekk għandu jingħad li għalkemm qatt ma kien maħsub mil-leġislatur li l-liġi ġenerali għandha titwarrab, ir-regolamenti kellhom jindirizzaw is-servizzi in kwistjoni u jimplimentaw aħjar dak li l-liġi ġenerali kienet ipprovdiet għalih b'mod ġenerali. Id-dritt tal-appell quddiem it-Tribunal li pprevalixxa ruħu minnu l-appellant, saħansitra ngħata minn dawn ir-regolament u mhux mil-liġi ġenerali. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx li t-tieni aggravju tal-appellant huwa ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[it-Tribunal ċaħad l-aggravju tiegħu li d-deċiżjoni tal-Awtorità ma kellha l-ebda motivazzjoni u ma kinitx raġonata]*

15. It-tielet aggravju l-appellant jispjegah b'mod tassew qasir, billi jesprimi biss id-diżappunt tiegħu għall-fatt li t-Tribunal ċaħad l-aggravju tiegħu li d-deċiżjoni tal-Awtorità appellata kienet nieqsa mill-motivazzjoni u mir-raġonevolezza.

16. L-Awtorità appellata ssostni li dan l-aggravju wkoll ma jirriżultax, u in sostenn ta' dan tiċċita dak li qal it-Tribunal fit-tielet paragrafu tal-paġna 12 tas-sentenza appellata.

17. Il-Qorti hawnhekk ukoll tikkondividi l-fehma tat-Tribunal. Fid-deċiżjoni appellata tiegħu, dan tal-aħħar osserva li l-appellant kien jaf sew bid-diversi lmenti li kienu saru kontrih, anki għaliex il-MCCAA kienet ġibditlu l-attenzjoni iktar minn darba, u saħansitra f'Settembru 2018 hija kienet ħarġet Ordni ta' Investigazzjoni. It-Tribunal ikkunsidra li għalkemm l-Awtorità appellata fid-deċiżjoni tagħha ma elenkatx kull ilment li kien sar mal-awtoritajiet Maltin minn persuni barranin li kienu għamlu użu mis-servizz tal-appellant, dik id-deċiżjoni kienet motivata tajjeb. Dan filwaqt li kkunsidra wkoll korrettement li tali deċiżjoni ma kinitx ta' sorpriża għall-appellant. Fil-fatt iktar 'il quddiem fis-sentenza appellata, it-Tribunal kien osserva li mill-provi rriżulta li l-MCCAA kienet ġibdet l-attenzjoni tal-appellant għall-fatt li hija kienet irċeviet għadd sew ta' ilmenti mingħand diversi persuni, fil-maġġoranza barranin, li kienu wżaw is-servizz ta' *car hire* pprovdut mill-appellant. It-Tribunal qal ukoll li kien irriżulta li wara xi laqgħat sabiex jiġu ndirizzati l-imsemmija lmenti, uħud minn

dawn kienu ngħalqu, iżda oħrajn le, u b'hekk il-MCCAA kienet fetħet investigazzjoni fil-konfront tal-appellant. Għalhekk il-Qorti tgħid li fid-dawl ta' dak li ġie dikjarat b'mod ċar mill-Awtorità appellata fid-deċiżjoni tagħha tas-17 ta' Jannar, 2019, u fejn din kienet għamlet riferiment għall-ilmenti numerużi, ripetuti u serjissimi fil-konfront tal-appellant, u anki għall-fatt li huwa kien naqas milli jonora l-impenn tiegħu sabiex jopera s-servizz tiegħu b'mod xieraq, professjonali u korrett, ma jistax jingħad li l-appellant kien ġie mċaħħad mill-motivazzjoni neċessarja sabiex huwa jkun f'pożizzjoni li jikkontesta b'mod xieraq id-deċiżjoni meħuda fil-konfront tiegħu. Jekk huwa naqas li jagħmel dan, ċertament ma jistax jiġi kkunsidrat li l-ħtija hija tal-Awtorità appellata għaliex allegatament ma mmotivatx id-deċiżjoni tagħha, iżda jista' jaħti biss l-appellant, li għażel li ma jikkontestax il-mertu ta' dik id-deċiżjoni. Għaldaqstant anki dan l-aggravju jirriżulta mhux ġustifikat, u l-Qorti tiċħdu.

*Ir-raba' aggravju:* *[it-Tribunal ma kkunsidrax li l-Awtorità appellata kellha tqis li n-numru tal-ilmenti kien jirrifletti n-numru konsiderevoli ta' klijenti]*

18. L-appellant jispjega li l-aħħar aggravju tiegħu huwa li t-Tribunal naqas li jikkunsidra li l-Awtorità appellata kellha tqis li n-numru ta' ilmenti kien biss jirrifletti n-numru konsiderevoli ta' klijenti li kienu krew il-vetturi mingħandu, u dan a paragun ma' operaturi oħra fl-istess linja ta' servizz. Huwa hawnhekk jagħmel riferiment għal Dok CF ippreżentat fis-6 ta' Novembru, 2020 fejn l-*accountant* Clayton Formosa kien indika n-numru ta' kuntratti ta' kiri li kienu saru bejn l-1 ta' Settembru, 2018 u l-31 ta' Awwissu, 2019, f'total ta' 39,066 kuntratt, jew medja ta' 107 kuntratt kuljum. Stqarr għal darb'oħra li huwa

tassew qatt ma kellu laqgħat mal-Awtorità appellata, iżda biss mal-MCCAA, u fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, ma kienx ġust li t-Tribunal irritjena li huwa ma kienx qed jgħid il-verità.

19. L-Awtorità appellata, filwaqt li tikkontendi li hawnhekk ukoll l-aggravju tal-appellant ma jreġix, għal darb'oħra tagħmel riferiment għal dak li qal it-Tribunal fil-paragrafu suriferit tas-sentenza appellata.

20. Il-Qorti tikkondividi l-ħsieb tat-Tribunal, filwaqt li hija wkoll tgħid li ma tara l-ebda loġika fl-argument li qed iressaq l-appellant hawnhekk. Bħal fil-każ tat-Tribunal, ma tistax tiskarta n-numru konsiderevoli ta' dokumenti esebiti mar-risposta tal-Awtorità appellata quddiem it-Tribunal, minn fejn jirriżulta kemm l-ilmenti kienu numerużi, ripetuti u serji. Dan filwaqt li tosserva li saħansitra għaddew is-snin u l-appellant naqas milli jirrimedja s-sitwazzjoni billi jtejjeb l-operat tiegħu. Tgħid li għalhekk sewwa kkonkluda t-Tribunal li *"Dan ifisser li r-rikorrent ma kellux interess li jirrimedja n-nuqqasijiet tiegħu biex l-ilmenti jonqsu".* Dwar l-allegazzjoni tal-appellant li huwa qatt ma kellu laqgħa mal-Awtorità appellata, il-Qorti tosserva li din m'hija xejn għajr tentattiv sabiex jiġbor ġieħu, għaliex l-argument tat-Tribunal kien li jekk ma kienx preżenti, ċertament huwa kien jaf bl-ilmenti li kienu qegħdin isiru lill-awtoritajiet. Għaldaqstant il-Qorti tgħid li anki dan l-aggravju mhux ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-appell odjern għandhom jitħallsu wkoll mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**